MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2007

Rikors Numru. 1108/2007

Xerri Christopher
vs
John u Marthese konjugi Grima u l-Perit David Psaila

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-Perit David Psaila li bih espona:

Illi permezz ta’ digriet tal-24 ta’ Ottubru 2007 dina l-Qorti laqghet it-talba tal-intimat ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni fl-ammont ta’ pretensjoni ta’ Lm50,000 sabiex il-Perit David Psaila u l-intimat l-iehor ma jiddisponu minn ebda proprjeta`.

Illi l-Perit David Psaila qed jintavola dan ir-rikors sabiex jitlob ir-revoka ta’ tali digriet contrario imperio u dan ghas-segwenti ragunijiet:

a) Skond l-artikolu 875 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili tali rikors ghandu jigi notifikat il-Perit David Psaila li ghandu 10 ijiem biex jirrispondi. F’dawn il-proceduri tali procedura ma saritx u ghalhekk tali digriet kellu jigi revokat.

b) Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess, stante li Christopher Xerri diga intavola kawza li tinsab quddiem l-Imhallef Farrugia Sacco kif ammetta huwa stess fir-rikors tal-hrug ta’ dan il-mandat, (Rik 988/07LFS), skond l-artikolu 836 (1) tal-Kap. 12 tghid car u tond li tali proceduri ghandhom jigu istitwiti quddiem dik il-Qorti li tkun qed tisma l-kawza u dan kif gie bosta drabi ritenut mill-Qrati taghna fosthom Kashmiri Pace Limited et vs Carmen Taliana fit-2 ta’ Ottubru 2000 per Imhallef A. Magri.

c) Inoltre u bla pregudizzju ghal premess, dment li l-kreditu pretiz huwa ra’ Lm50,000 u l-proprjeta` kollha li giet mizmuma minn dan il-mandat hija ta’ valur ta’ mijiet ta’ eluf aktar u dan skond l-istima tal-Perit Joseph Bondin esebita minn Christopher Xerri stess fin-nota tieghu 24 ta’ Ottubru 2007 u li fl-ahhar paragrafu tan-nota tieghu jammetti li qed jaqbel maghha u li ghalhekk se mai ghandha tinzamm proprjeta` li ma tkunx aktar minn Lm50,000 bejn ir-rikorrenti u l-intimat l-iehor John Grima stante li Xerri qed jitlob Lm50,000 minghand it-tnejn.

d) Li hu ma kellux ibati spejjez.

Ghaldaqstant il-Perit David Psaila talab sabiex dina l-Qorti joghgobha tordna r-revoka contrario imperio tad-digriet taghha tal-24 ta’ Ottubru 2007 bl-ispejjez kontra Christopher Xerri, (b) tordna li tali digriet jigi notifikat a spejjez tal-istess Xerri lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u (c) taghti zmien lir-rikorrenti biex jirrispondi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi l-Ligi fl-artikolu 875(1) taghmilha cara li r-rikors ghal Mandat ta' Inibizzjoni ghandu jigi notifikat lill-parti opposta li fi zmien ghaxart ijiem ghandha tipprezenta r-risposta. Minn ezami tal-Mandat 1576/07GCD dan ma jidhirx li gie segwit u dan huwa sufficjenti biex il-Qorti tasal li tali mandat ghandu jigi revokat.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talba, tordna r-revoka ***contrario imperio*** tad-digriet tal-24 ta' Ottubru 2007, u li tali digriet jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Spejjez kontra Christopher Xerri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------